MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru 280/2014

Il-Pulizija

Spettur James Grech

vs

Rodrick Azzopardi
Sean Attard

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 241191M u 182394M rispettivament akkuzati talli nhar it-13 ta' Mejju 2009 ghal habta tas-0130hrs gewwa Hal Qormi:

1. ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 412 kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga

misruqa, ghad-detriment ta’ Mary Helen Bugeja u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’xi entita u/jew entitajiet ohra;

Semghat lill-imputati jirregistraw ammissjoni fuq liema insistew anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taghhom;

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni u l-istqarrija rispettiva li irrilaxxaw lill-Ufficjal Prosekutur.

Tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 261 (c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b) tal-Kap 9 li tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor zmien sitt xhur mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------